



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.08.2004
KUMM(2004) 562 finali

GREEN PAPER

Dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2004) 1046}

WERREJ

1.	Għaliex il-Kummissjoni qed tippreżenta Green Paper.....	3
1.1.	Identifikazzjoni tal-problema	3
1.2.	Bżonn ta' azzjoni	3
1.3.	Soluzzjoni possibbli	4
2.	Il-proċess ta' konsultazzjoni	4
3.	Għanjiet ta' din il-Green Paper	5
3.1.	Biex testendi d-dibattitu għal udjenza iżjed wiesgħa.....	5
3.2.	Biex tiffoka fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali	5
3.3.	Biex tesplora l-possibilitajiet li tittieħed azzjoni.....	5

GREEN PAPER

Dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali

L-iskop ta' din il-Green Paper huwa li sservi ta' bażi għal diskussjoni rigward il-preparazzjoni ta' proposta tal-Kummissjoni għal strument legiſlattiv ġdid dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali. Il-*Commission Staff Working Paper* assoċjata mal-Green Paper (SEC(2004) 1046) fiha analiżi dettaljata tal-qafas legali rilevanti f'dan il-qasam u l-ħsibijiet tal-Kummissjoni dwar kif dan l-istrument jista' jkun imfassal.

1. GĦALIEX IL-KUMMISSJONI QED TIPPREŻENTA GREEN PAPER.

1.1. Identifikazzjoni tal-problema

L-użu (u tul) eċċessiv ta' detenzjoni qabel il-proċess legali huwa wieħed mill-kawżi prinċipali ta' l-iffullar żejjed fil-ħabsijiet. Minħabba r-riskju ta' safar, persuni mhux residenti li huma suspettati huma spiss miżmuma taħt kustodja, filwaqt li residenti jibbenefikaw minn miżuri alternattivi.

Skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi, il-kustodja waqt il-pendenza tal-proċeduri għandha tkun ikkunsidrata bħala miżura eċċezzjonali u għandhom jittieħdu bl-iktar mod wiesgħa possibbli miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja. Madankollu, l-alternattivi differenti għad-detenzjoni qabel jibdedw il-proċeduri eżistenti fil-liġi nazzjonali (eż. rapportar lill-awtoritajiet tal-pulizija jew projbizzjoni ta' safar) ma jistgħux fil-preżent jiġu trasposti jew trasferiti minn naħa għall-oħra tal-fruntieri hekk kif l-Istati ma jirrikonoxxux deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' pajjiżi barranin dwar dawn il-materji.

L-introduzzjoni ta' strument legali, li jagħti s-setgħa lill-Istati Membri tal-UE biex jirrikonoxxu reċiprokament miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess, jgħin biex jitnaqqas in-numru ta' detenuti mhux residenti qabel il-proċess fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, l-introduzzjoni ta' dan it-tip ta' strument tirrinforza d-dritt għal-libertà u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza fl-Unjoni Ewropea kollha (jiġifieri fiż-żona *komuni* ta' libertà, sigurtà u ġustizzja) u jnaqqas ir-riskju ta' trattament mhux ugwali ta' persuni suspettati mhux residenti.

1.2. Bżonn ta' azzjoni

Hemm mandat ċar biex tittieħed azzjoni fuq din il-kwistjoni skond il-miżuri 9 u 10 tal-*Programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet kriminali* ta' Novembru 2000¹ (minn hawn 'il quddiem il-“programm ta' rikonoxximent reċiproku”), li kien addottat fuq talba tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere. Id-dettalji ta' dan il-mandat huma stabbiliti fil-kapitolu 2.2.1.3 tal-*Commission Staff Working Paper*.

¹ ĠU C 12, tal-15.1.2001, p. 10.

Il-bżonn ta' azzjoni fuq livell Ewropew ġie enfasizzat mill-Parlament Ewropew f'diversi riżoluzzjonijiet, kif ukoll kif identifikat minn korpi ta' kooperazzjoni reġjonali oħrajn bħall-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Kummissarju tal-Istati tal-Baħar Baltiku. Kien ukoll sottolinjat minn diversi Għaqdiet Mhux Governattivi (NGOs) li joperaw fil-qasam.

1.3. Soluzzjoni possibbli

L-idea prinċipali ta' strument ġdid dwar rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess hija li jissostitwixxi d-detenzjoni qabel il-proċess b'miżura ta' sorveljanza mhux ta' kustodja u biex din il-miżura tiġi trasferita lill-Istat Membru fejn il-persuna suspettata normalment għandu jew għandha r-residenza tiegħu jew tagħha. Dan kieku jippermetti li l-persuna suspettata tkun suġġetta għal miżura ta' sorveljanza fl-ambjent normali tagħha sakemm jibdeu il-proċeduri fl-Istat Membru barrani. Mudelli differenti dwar kif din l-idea tista' tkun implimentata huma diskussi fil-*Commission Staff Working Paper*.

Sabiex tkun żgurata l-konformità ma' miżura ta' sorveljanza mhux ta' kustodja, l-istrument ġdid irid ikun fih, bħala l-aħħar rimedju, mekkaniżmu ta' sfurzar għar-ritorn ta' persuna suspettata mhux kooperattiva għall-pajjiż tal-proċess, jekk meħtieġ bil-forza. Hija iktar l-eżistenza biss ta' din il-possibiltà milli l-użu reali li tiżgura l-funzjonament tajeb ta' l-istrument il-ġdid. Għandu jkun enfasizzat li fin-nuqqas ta' rikors possibbli għal miżuri ta' ġegħil, ikun hemm ir-riskju (fuq żmien qasir kif ukoll fit-tul) li l-kategorija rilevanti ta' persuni ma tibbenefika minn ebda miżuri alternattivi. L-aspetti differenti ta' dawn il-mekkaniżmi ta' ġegħil huma wkoll ikkunsidrati fil-*Commission Staff Working Paper*.

2. IL-PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI

Il-preżenti Green Paper hija *t-tielet pass* fil-proċess ta' konsultazzjoni dwar alternattivi għad-detenzjoni qabel il-proċess.

L-*ewwel pass* kien li jkun magħmul u mibgħut *kwestjonarju* dwar id-detenzjoni qabel il-proċess u alternattivi għal din id-detenzjoni sabiex jiġu identifikati ostakli possibbli għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Dak iż-żmien il-15-il Stat Membru tal-UE issottomettew risposti għall-kwestjonarju. Sommarju tar-risposti li jikkonċernaw, *i.a.*, miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja (alternattivi għad-detenzjoni qabel il-proċess) u l-pieni applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità (kif meħtieġ skond il-miżura 9 tal-programm għar-rikonoxximent reċiproku) li jinstab fil-*Commission Staff Working Paper* (anness 2).

It-*tieni pass* kien li tinkiteb id-*Discussion Paper* fuq il-bażi tar-risposti għall-kwestjonarju u tkun organizzata *laqgħa ta' l-esperti*. Id-*Discussion Paper* (ta' l-24 ta' April 2003), li kienet mibgħuta lil numru ta' esperti dwar id-detenzjoni qabel il-proċess u alternattivi għal din id-detenzjoni fl-Istati Membri tal-UE (u f'dawk li kienu l-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni), tipproponi, *i.a.*, l-introduzzjoni ta' l-hekk imsejħa ordni Ewropea biex tirrapporta lill-awtorità bħala miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess fuq livell ta' Unjoni Ewropea. Id-*Discussion Paper* tikkunsidra wkoll il-limiti u l-possibiltajiet li tittieħed azzjoni fil-qasam tad-detenzjoni qabel il-proċess b'mod ġenerali. Il-*laqgħa ta' l-esperti* saret fi Brussel fit-12 ta' Mejju 2003. Diversi esperti, inklużi r-rappreżentanti ta' NGOs, kienu mistiedna fuq bażi individwali, filwaqt illi esperti oħrajn kienu jirrappreżentaw l-Istati Membri. Il-Eurojust kien irrappreżentat ukoll. Waqt din il-*laqgħa*, aspetti differenti tad-detenzjoni qabel il-proċess u alternattivi għal din id-detenzjoni ġew diskussi, b'mod partikolari il-ħsibijiet tal-Kummissjoni

dwar l-ordni Ewropea biex tirrapporta. Il-Green Paper tikkonsidra bis-sħiħ dak li ħareġ minn dik il-laqgħa (għal iktar dettalji, ara l-*Commission Staff Working Paper*).

3. GHANJET TA' DIN IL-GREEN PAPER

3.1. Biex testendi d-dibattitu għal udjenza iżjed wiesgħa

L-għan prinċipali ta' din il-Green Paper huwa li dan il-proċess ta' konsultazzjoni jiġi estiż għal udjenza iżjed wiesgħa, inklużi, *i.a.*, persuni li jipprattikaw f'dan il-qasam, fosthom imħallfin, prosekuturi u avukati tad-difiża, persuni li jaħdmu fis-servizzi soċjali u tal-probazzjoni, stabbilimenti ta' qabel id-detenzjoni u ħabsijiet, organizzazzjonijiet professjonali, ċrieki akkademiċi, NGOs rilevanti u awotritajiet pubbliċi.

3.2. Biex tiffoka fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali

Il-preżenti Green Paper tiffoka fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali. Xi punti rilevanti (assistenza legali, interpretu u traduttur, kategoriji vulnerabbli, eż. tfal u zgħażaġġ, assistenza konsolari/dritt għal komunikazzjoni u l-“ittra tad-drittijiet”) diġà ġew koperti mill-Green Paper² u l-Proposta għal Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar ċerti drittijiet proċedurali.³ Minkejja li relatata mal-qafas legali tad-detenzjoni qabel il-proċess legali u l-alternattivi għal dik id-detenzjoni, il-*Commission Staff Working Paper* ma tidħolx fid-dettal fuq daww il-kwistjonijiet, jekk dan ma jittqiesx meħtieġ.

3.3. Biex tesplora l-possibilitajiet li tittieħed azzjoni

L-introduzzjoni ta' skema ta' rikonoxximent reċiproku għal miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali fuq livell ta' Unjoni Ewropea ma għandhiex, madankollu, tkun separata mill-qafas legali li jirregola d-detenzjoni qabel il-proċess legali b'mod ġenerali. M'għandux jintesa li miżuri ta' sorveljanza fil-prinċipju huma *alternattivi* għad-detenzjoni qabel il-proċess legali. Ċerti prinċipji fundamentali li huma applikabbli għad-detenzjoni qabel il-proċess legali b'mod ġenerali huma *mutatis mutandis* applikabbli wkoll għal miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja. B'hekk dawn il-prinċipji jridu jiġu ikkunsidrati meta jkun qed jiġi mfassal strument dwar ir-rikonoxximent reċiproku u infurzar ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess legali.

Il-*Commission Staff Working Paper* tesplora l-possibilitajiet li tittieħed azzjoni f'dan il-qasam fid-dawl tal-konvenzjonijiet eżistenti, każistika u leġislazzjoni nazzjonali.

Il-Kummissjoni tistiednek tikkummenta fuq din il-Green Paper (inkluża l-*Commission Staff Working Paper*) u b'mod partikolari dwar il-mistoqsijiet fil-lista hawn taħt. Il-Kummissjoni tilqa' wkoll il-kummenti tiegħek dwar żviluppi ġodda fil-qasam ta' l-alternattivi għad-detenzjoni qabel il-proċess legali fl-Istati Membri (inklużi pieni applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligazzjoni taħt miżura ta' sorveljanza mhux ta' kustodja).

² KOM(2003) 75 finali.

³ KOM(2004) 328 finali.

Biex jiġi faċilitat l-iskambju ta' opinjonijiet, infetaħ *website*, li fiha il-Green Paper u serje ta' *links* rilevanti.

http://europa.eu.int/xxx/livre_vert

Sa x x 2004, jistgħu jingħataw risposti, preferibbilment fuq dan l-indirizz:

xxx-livre-vert@cec.eu.int

jew bil-posta lill-:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali Ġustizzja u Intern
Unità D3 – Ġustizzja Kriminali
B-1049 Brussel
Belġju
Għall-attenzjoni ta' Mr. Thomas Ljungquist

Il-Kummissjoni hija intiża torganizza seduta pubblika fl-2004.

Mistoqsija 1:

Ikkunsidrati l-konsegwenzi negattivi tal-qafas legali preżenti fejn jirrigwarda t-trattament ta' suspettati mhux residenti fil-qasam ta' l-alternattivi għad-detenzjoni qabel il-proċess legali:

(a) Taqbel ma' l-approċċ tal-Kummissjoni fejn jirrigwarda r-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja qabel il-proċess kif deskritti fil-kapitolu 4.3. tal-*Commission Staff Working Paper* (jiġifieri l-possibiltà li persuna suspettata tiġi kontrollata fil-pajjiż ta' residenza normali u l-ħtieġa li jkun introdott mekkaniżmu li jiżgura l-preżenza tal-persuna akkużata waqt il-proċess legali sakemm il-persuna ma tistax tkun iġġudikata fl-assenza tagħha) sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa fl-UE kollha tad-dritt għal-libertà u l-preżunzjoni ta' l-innoċenza?

(b) Jekk le, hemm soluzzjonijiet alternattivi?

(c) Jekk jogħġbok iddeskrivihom.

(d) Għandu mekkaniżmu għar-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja jkopru wkoll offiżi inqas serji (jiġifieri taħt il-limitu ta' l-Artikolu 2(1) tal-FD-EAW)?

Mistoqsija 2:

Għandu mekkaniżmu għar-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja jkopri

- is-sitwazzjoni meta persuna suspettata, li hija diġà suġġetta għal dawk il-miżuri u li, b'mod permanenti jew temporanju, trid tmur fi Stat Membru ieħor, titlob għal trasferiment ta' dawn

il-miżuri għal dak l-Istat Membru (kif deskritt fil-Kapitolu 4.2.2.3. tal-*Commission Staff Working Paper*)?

- jekk iva, taħt liema kondizzjonijiet?

- is-sitwazzjoni meta s-suspettat diġà mar fi Stat Membru ieħor (kif deskritt fil-kapitolu 4.2.3.1., “suspettat bi ksur ta’ obbligu ta’ miżura ta’ sorveljanza mhux ta’ kustodja qabel il-proċess legali” u 4.2.3.2., “applikazzjoni tard għal miżuri ta’ sorveljanza mhux ta’ kustodja”, tal-*Commission Staff Working Paper*)?

- jekk iva, taħt liema kondizzjonijiet?

Mistoqsija 3:

(a) Għandu l-istrument ġdid ikun fih dispożizzjoni dwar miżura ta’ sorveljanza mhux ta’ kustodja qabel il-proċess legali speċifiku, bħall-ordni Ewropea biex tirrapporta, possibilmint flimkien ma’ l-ordni ta’ projbizzjoni ta’ safar, kif deskritta iktar ‘il fuq?

(b) Ikun xieraq li l-awtorità *tal-ħruġ* tkun tista’ tiddeċiedi l-miżuri ta’ sorveljanza mhux ta’ kustodja ta’ qabel il-proċess legali li għandhom japplikaw waqt il-fażi ta’ kontroll (skond il-liġi nazzjonali tagħha) jew b’liema mod il-persuna suspettata għandha tkun konformi ma’ ordni Ewropea biex tirrapporta (jiġifieri kemm spiss għandha tirrapporta, ma’ liema awtorità eċċ.)?

(c) Ikun iktar addattat li l-awtorità *li teżegwixxi* tkun tista’ tagħżel il-miżuri ta’ ġegħil xierqa skond il-liġi nazzjonali tagħha, b’hekk tħalli għall-awtorità *tal-ħruġ* l-ispeċifikar biss ta’ għan li għandu jkun ikkontrollat?

(d) Jista’ l-Eurobail ikun mudell adattat?

Mistoqsija 4:

(a) Għandu l-istrument ġdid ikun fih raġunijiet mandatorji għaċ-ċaħda fil-każ ta’ amnestija, sentenza finali u deċiżjonijiet finali oħrajn jew li għandhom x’jaqsmu ma’ l-età ta’ responsabbiltà kriminali?

(b) Huma r-raġunijiet l-oħra għaċ-ċaħda, li jinsabu fl-Artikolu 4 ta’ l-FD-EAW, rilevanti fil-kuntest ta’ ordni għat-trasferiment ta’ miżuri alternattivi?

(c) B’mod partikolari, għandha l-awtorità li teżegwixxi jkollha d-dritt li tiċħad l-eżekuzzjoni fuq il-bażi ta’ nuqqas ta’ kriminalità doppja?

Mistoqsija 5:

Jista’ jkun hemm kondizzjonijiet għall-infurzar ta’ ordni għat-trasferiment ta’ miżuri alternattivi minbarra:

-ritorn għall-Istat ta’ residenza biex tingħata s-sentenza?

-il-possibiltà ta’ reviżjoni fil-każ ta’ priġunerija għal għomru?

Mistoqsija 6:

- (a) Għandha l-awtorità tal-ħruġ tispeċifika l-obbligu (relatat mat-tliet “perikoli klassiċi”) li għandu jkun irrissettat mill-persuna suspettata taħt miżura ta’ sorveljanza mhux ta’ kustodja qabel il-proċess legali b’mod (konformi ma’ dak li intqal s’issa) li jippermetti l-awtorità li teżegwixxi tiddeċiedi miżuri ta’ ġegħil li m’humie x ta’ detenzjoni fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità?
- (b) Għandha l-awtorità li teżegwixxi tkun obbligata tirrapporta ksur (serju) ta’ obbligu li għandu x’jaqsam mat-“tliet perikoli klassiċi”?
- (c) Għandha l-awtorità li teżegwixxi tkun permessa tibgħat lill-persuna suspettata fil-kustodja fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità ma’ obbligu taħt miżura ta’ sorveljanza u żżommha taħt detenzjoni sakemm il-proċess legali jsir jew għandha tirritorna s-suspettat immedjatament lill-awtorità tal-ħruġ?
- (d) Tista’ l-partiċipazzjoni tal-persuna suspettata permezz ta’ *video link* mill-Istat Membru li jeżegwixxi tiegħu post il-preżenza fiżika ta’ din il-persuna fil-proċess quddiem l-awtorità tal-ħruġ fejn jirrigwarda (biss) il-kwistjoni jekk għandhiex tintbagħat taħt kustodja fl-Istat Membru tal-ħruġ?
- (e) Kif tista’ tkun risolta s-sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet tal-ħruġ u ta’ l-eżekuzzjoni għandhom opinjonijiet differenti dwar jekk persuna li mhix konformi ma’ obbligu għandhiex tintbagħat taħt kustodja jew jekk il-periklu jistax ikun eliminat bl-imposizzjoni ta’ obbligu ġdid?
- (f) Għandu mekkaniżmu għar-ritorn ta’ persuna suspettata mill-Istat Membru ta’ l-eżekuzzjoni għall-Istat Membru tal-ħruġ japplika kemm għall-fażi ta’ kontroll kif ukoll għall-fażi tal-proċess?
- (g) Għandha l-awtorità tal-ħruġ tispeċifika l-obbligu biex tiġi għall-proċess jew/u li l-persuna in kwistjoni tista’ tiġi iġġudikata *in absentia* fil-każ li ma tattendix għall-proċess u għandha din il-persuna tagħti l-kunsens għal dan l-obbligu qabel ma tibbenefika minn miżura alternattiva fl-Istat Membru ta’ l-eżekuzzjoni?
- (h) Għandha l-awtorità ta’ l-eżekuzzjoni, waqt il-fażi ta’ kontroll u l-fażi tal-proċess, tkun permessa tipposponi r-ritorn tal-persuna suspettata?
- (i) B’mod partikolari, għandha l-awtorità ta’ l-eżekuzzjoni jkollha l-possibiltà li tipposponi r-ritorn ta’ persuna li hija suspettata li kkommettiet offiża ġdida fit-territorju tagħha?